*Irkejjen Storiċi*

# Il-Katakombi tas-Salini

*Fil-gżejjer Maltin niltaqgħu ma' numru ta' postijiet arkeoloġiċi li sfortunatament ma tantx huma magħrufa. Dan minħabba l-fatt li jkunu meqjusa bħala xi ħaġa sekondarja. Iżda mhux dejjem ikun il-każ. Wieħed mill-postijiet li nsibu kemmxejn minsi u abbandunat hu l-Katakombi tas-Salini. Dan il-kumpless ta' oqbra ta' l-ewwel Insara f'Malta hu interessanti għal diversi affarijiet.*

**minn Vincent Zammit**

Il-Katakombi tas-Salina jinsab viċin il-Kappella tal-Lunzjata li hemm fuq in-naħa l-oħra tat-triq mis-salini li taw l-isem lill-bajja. Il-kappella hi dominanti fuq l-inħawi, u għaldaqstant wieħed ma tantx jista' ma jarahiex. Il-passaġġ li jwassal sa quddiem il-kappella hu minn fejn wieħed għandu jibda ħalli jfittex dawn il-katakombi. Fuq in-naħa l-oħra tat-triq hemm numru ta' djar privati u mal-ġenb tagħhom hemm passaġġ fl-għelieqi. Wieħed jgħaddi mal-passaġġ, mingħajr ma jidħol fl-għelieqi u mill-ewwel jibda jinduna li matul il-ħajt hemm numru ta' daħliet.

L-inħawi huma magħrufa bħala Ta' Latnija. Hu interessanti li din il-kelma tfisser jew bir, inkella barriera. Minn din l-ispjega nindunaw li probabbilment l-isem ingħata wara li l-inħawi kienu ħadu l-forma kif narawhom illum il-ġurnata. Dan minħabba li hemm kemm postijiet li qishom bjar, iżda aktar minn hekk hemm partijiet minn fejn jinsabu dawn l-istess katakombi li jagħtu l-impressjoni li huma l-fdalijiet ta' barriera.

Dawn id-daħliet huma partijiet mill-kumpless kollu. Wieħed hawnhekk m'huwiex se jara daħla waħda u mbagħad fuq ġewwa hemm xi kumpless sħiħ. Anzi hawn numru ta' daħliet li jew juru kamra mortwarja żgħira, inkella numru ta' oqbra. Il-katakombi hu mħaffer f'pett ta' blat li jħares għal fuq l-għalqa li wieħed ikun fiha. Sfortunatament dawn l-istess katakombi m'humiex f'kundizzjoni tajba, u jidher ukoll li anki l-awtoritajiet ma tantx jagħtu kashom. Forsi wasal iż-żmien li xi ħadd jidħol responsabbli għalihom.

### Il-katakombi

Nitkellmu l-ewwel dwar dik iz-zona li għandha bħal barriera u mbagħad hemm numru ta' daħliet għal katakombi diversi. Skond interpretazzjoni partikulari hu maħsub li hawnhekk kien hemm bħal bitħa magħmula apposta għall-aċċess għall-kmamar diversi. Fil-fatt madwar din il-parti hemm dħul għal erba' katakombi. Dak li ngħata n-numru 1 jidher li hu l-akbar li nsibu f'din il-parti. Hu dekorat ukoll.

Id-dħul tiegħu hu minn daħla baxxa, li fiż-żmien kellu bieb tal-ġebel jagħlaq id-dħul għall-katakombi. Fuq ix-xellug ta' kif wieħed jidħol naraw mejda *agape*. B'kollox f'dan il-katakombi hemm tmien oqbra doppji, u wieħed, għalkemm doppju għandu bħal biċċa ħajt diviżorju fin-nofs. Meta qegħdin ngħidu li dawn huma doppji rridu nfiehmu li f'kull qabar kien hemm post għal żewġ persuni. Apparti l-ispazju li wieħed jara, naraw ukoll l-imħadda li huma karatteristiċi fil-katakombi Maltin. Dejjem naraw żewġ imħaded, u għalhekk hu ċar li dawn kienu magħmula għal żewġ persuni.

Minħabba l-abbandun ta' dawn il-katakombi hemm ħafna ħsara. It-tliet daħliet għall-katakombi l-oħra juruna biss postijiet ferm iżgħar minn dan li għadna kif semmejna, u barra minn hekk m'għandhomx il-mejda *agape* li naraw f'dan l-ewwel katakombi. Fil-fatt tajjeb ngħidu li f'katakombi ieħor biss insibu din il-mejda.

L-aktar katakombi interessanti li nstab f'dan il-kumpless hu dak li ngħata n-numru 5. Dan jinsab fit-tramuntana ta' din l-ewwel zona li għadna kemm semmejna. Jinsab imħaffer fil-pett tal-blat, u tasal quddiem il-bieb tiegħu billi tinżel numru ta' taraġ. Wieħed jipprova jimmaġina kif kienu l-inħawi meta ma kienx hemm għelieqi u lanqas ħaxix ħażin jgħatti kollox.




*Xellug: Pjanta ta' fejn jinsabu l-katakombi tas-Salini u taħt: Pjanta tal-katakombi numru ħamsa.*

*Sors:* Mario Buhagiar 1986




Hekk kif tidħol fil-katakombi fuq xellug issib il-mejda *agape*. Din il-mejda għandha ċerti dettalji li huma differenti minn dik li nsibu fil-katakombi ta' qabel. Maddawra tagħha, fuq wara, hemm żewġ fetħiet għal żewġ oqbra tieqa. Il-passaġġ m'huwiex twil ħafna, u għalhekk ma tantx jidher li kien hemm spazju biex jitpoġġew oqbra elaborati. Iżda dawk li tpoġġew f'dan il-post għandhom ċertu tinqix li jinsab f'dawn il-katakombi biss.

It-tip ta' l-oqbra li nstabu hawn juruna li l-ewwel Insara kienu jagħmlu użu minn kull rokna, speċjalment meta ma jidhirx li jkollhom spazju fejn jimirħu. Qabar wieħed biss jinsab maqtugħ kompletament minn kullimkien, u wieħed jista' jdur dawra mejt miegħu. L-oqbra li hawn f'dan il-katakombi partikulari huma magħrufa bħala oqbra bil-baldakkin u l-parti ta' fuq, jew l-għatu, hu simili għal sargofagu.

Madwar l-għalqa hemm numru ta' daħliet oħra li juru biss li kien hemm komunità nisranija tgħix fl-inħawi u li kellha l-oqbra tagħha miġbura fl-istess parti.

### Id-dekorazzjonijiet

Parti importanti minn dan il-katakombi hu l-fatt li hemm diversi rkejjen li huma dekorati sew. Id-dekorazzjonijiet jieħdu forom differenti ħafna. Hemm dawk li qegħdin juru kolonni kemmxejn dekorati, filwaqt li hemm irkejjen oħra fejn nistgħu naraw tiżjin ieħor kif ukoll annimali. Dan kollu jagħmel il-katakombi bħala fost l-aktar dekorati li nsibu fil-gżejjer Maltin.

Fl-ewwel katakombi nsibu kolonnar sempliċi ħafna maħduma fl-istess blat li hemm maqtugħ biex jifforma l-qabar. Wieħed irid dejjem jiftakar li meta nkunu qegħdin nitkellmu dwar katakombi, dawn prattikament ma kienx ikollhom għamara. Iżda l-oqbra kollha kienu jinqatgħu mill-istess blat. Anki d-dekorazzjonijiet jieħdu dan l-aspett. F'dan il-katakombi hemm ukoll bħal nofs salib imnaqqax fuq waħda mill-faċċati.

Il-katakombi l-ieħor li diġà semmejna, numru 5, hu wieħed mill-aktar dekorati li nsibu f'Malta. Naraw li d-daħla għandha kolonnar maqtugħ fil-blat, u dawn il-kolonni huma mżejna wkoll. Uħud mill-oqbra li nsibu f'dan il-katakombi huma dekorati fil-ġnub tad-daħla, kif ukoll l-istess kolonnar għandhom aktar dekorazzjonijiet mis-soltu. Naraw uħud li għandhom bħal disinn li jdur dawra mejt mal-faċċata, u jispiċċa fi skroll f'kull rokna. Hemm kolonni li għandhom bħal kaptelli. Għalkemm kien hemm min issuġġerixxa li hemm aktar dekorazzjonijiet f'dawn il-katakombi, uħud minnhom huma ferm diffiċli li jkunu identifikati, kemm minħabba l-qdumija tal-post, kif ukoll minħabba l-ambjent umduż li jinsabu fihom.

Għalkemm illum il-ġurnata hu diffiċli li wieħed jipprova jagħti data eżatta ta' dawn il-fdalijiet ta' l-ewwel insara f'Malta, hu maħsub li setgħu intużaw bejn ir-raba' seklu sas-seba' seklu Wara Kristu. Minn wara dak iż-żmien il-katakombi ma baqgħux jintużaw bħala postijiet tad-dfin. Biss, il-fdalijiet għadhom hemm, xhieda ċara taż-żminijiet differenti kif ukoll ta' l-ewwel Maltin li emmnu fir-reliġjon Nisranija.